MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru. 677/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**RYAN STIVALA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ryan Stivala detentur tal-Karta tal-Identita` numru 227591 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-Kalkara, nhar il-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta tas-siegha nieqsin kwart ta` wara nofs in-nhar (12:45hrs), bil-hsieb li jikkommetti delitt u

cioe` li dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Alistair Camilleri mill-Kalkara u ta` ibnu Kieran Camilleri ta` erbgha snin f'perikklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma gies esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta ta` xi l-ghaxra ta` filghodu (10:00hrs), bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe` li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Nathalie Camilleri mill-Kalkara f'periklu car jikkagunala offiza ta` natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghha, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta ta` xi l-ghaxra ta` filghodu (10:00hrs) ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Nathalie Camilleri mill-Kalkara skont ma ccertifikat it-tabib Charmaine Fava, MD, tal-poliklinika ta` Rahal Gdid;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta ta` xi siegha nieqsin kwart ta` wara nofs in-nhar (12:45hrs), ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Alistair Camilleri mill-Kalkara skont ma ccertifikat it-tabiba Charmaine Fava, MD, tal-poliklinika ta` Rahal Gdid;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta ta` xi siegha nieqsin kwart ta` wara nofs in-nhar, ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Tracey Meilaq Suban mill-Kalkara, skont ma ccertifika t-tabib A. Baldacchino, MD, tal-poliklinika ta` Rahal Gdid;

Kif ukoll talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta` Gunju, 2012, f'diversi hinijiet, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni NAT 029, vettura ohra tal-ghamla Chevrolet Matiz bin-numru tar-registrazzjoni AIR 888, bieb ta` residenza, nuccali tax-xemx, kif ukoll telefon cellular, liema hsara li tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu

(€1,146.69) saret ghad-deteriment ta` Nathalie Camilleri u zewgha Alistair Camilleri mill-Kalkara kuf ukoll ghad-deteriment ta` Tracey Meilaq Suban mill-Kalkara;

U aktar talli nhar l-24 ta` Gunju, 2012, f'dawn il-Gzejjer f'diversi hinijiet mal-gurnata, saq vettura b'numru tar-registrazzjoni RYN 427, tal-ghamla Volkswagen Golf b'manjiera perikoluza u negligenti;

U aktar talli nhar l-24 ta` Gunju, 2012, ghal habta tas-siegha nieqsin kwart ta` wara nofs in-nhar (12:45hrs), fil-Kalkara saq l-imsemmija vettura b'sewqan eccessiv;

U aktar f'xi jum matul il-perjodu ta` bejn l-24 ta` Gunju, 2012, u matul ix-xhur ta` qabel f'dawn il-Gzejjer, hedded serjament lil Nathalie Camilleri mill-Kalkara b'delitt serju;

U finalment talli nhar l-24 ta` Gunju, 2012, u matul ix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza` lil Nathalie Camilleri mill-Kalkara u l-familjari taghha li ser tintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lill-haddiehor biza`.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija, barra milli tapplika l-piena stabbilita` skont il-ligi, joghgobha tapplika wkoll il-provedimenti tal-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skont il-ligi, tordna l-iskwalifika ta` kull licenzja tas-sewqan ta` Ryan Stivala ghal dak il-perjodu ta` zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

**Il-Qorti:**

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 214, 218, 221, 325 (1) (a), 339 (e), 251B, 17, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 15 (1) (a), 15 (2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ir-regolament 127 (1) tal-Ligislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;
Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446;

Dina l-Qorti qiedgha tordna li a tenur tal-istess artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446, l-imputat jitqieghed taht *probation order* ghall-perjodu ta` tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------